IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.6.2015
COM(2015) 284 final

# RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

## dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar l-eżerċizzju tas-setgħa li tadotta atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont id-Direttiva 2010/75/UE dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)**

1. INTRODUZZJONI

Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (il-prevenzjoni u l-kontroll integrati tat-tniġġis)[1] għandha l-għan li tipprevjeni u tikkontrolla t-tniġġis tal-arja, tal-ilma u tal-ħamrija kkawżat minn emissjonijiet minn installazzjonijiet industrijali.

Din id-Direttiva tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta atti ddelegati sabiex tiġi stabbilita data minn meta għandu jibda jsir kejl kontinwu tal-emissjonijiet fl-arja ta' ċerti sustanzi li jniġġsu, kif ukoll biex tadatta diversi metodi ta' monitoraġġ u valutazzjoni ta' konformità tal-emissjonijiet imsemmija fl-Annessi tiegħu, għall-progress xjentifiku u tekniku.

2. IL-BAŻI LEGALI

Dan ir-rapport huwa meħtieġ skont l-Artikolu 76(1) tad-Direttiva 2010/75/UE. Skont din id-dispożizzjoni, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mis-6 ta' Jannar 2011 u l-Kummissjoni hija rikjesta li tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħat, mill-inqas sitt xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġġedded awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jirrevokawhiex b'konformità mal-Artikolu 77.

3. EŻERĊIZZJU TAD-DELEGA

L-eżerċizzju tas-setgħa kien meqjus meħtieġ biex jikkumplimenta jew jadatta diversi dispożizzjonijiet previsti mid-Direttiva.

Tekniki ta' kejl u standards għal kejl kontinwu tal-emissjonijiet fl-arja ta' ċerti sustanzi li jniġġsu kif meħtieġa skont l-Artikolu 48 għadhom qed jiġu żviluppati. Għalhekk, il-Kummissjoni għadha ma adottatx att delegat sabiex tiġi stabbilita data minn meta l-miżuri kontinwi tal-emissjonijiet rilevanti għandhom jiġu eżegwiti.

Il-Partijiet 3 u 4 tal-Anness V, il-partijiet 2, 6, 7 u 8 tal-Anness VI u l-Partijiet 5, 6, 7 u 8 tal-Anness VII jikkonċernaw metodi ta' monitoraġġ tal-emissjonijiet u l-metodi għall-valutazzjoni tal-konformità mal-valuri ta' limitu tal-emissjonijiet. Fin-nuqqas ta' progress xjentifiku jew tekniku relatat ma' dawn il-metodi, il-Kummissjoni ma tkunx adottat atti delegati bil-għan li tadatta l-partijiet rilevanti tal-Annessi V, VI jew VII tad-Direttiva 2010/75/UE.

4. KONKLUŻJONI

[1] ĠU L334, 17.12.2010, p. 17

Il-Kummissjoni, matul l-aħħar ħames snin, ma eżerċitatx is-setgħat delegati konferiti lilha skont id-Direttiva 2010/75/UE. Hija tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.